# IL-PIRĊISSJONI

*Ġol-misraħ waqt is-sħana*
*tas-sajf ta' nofs in-nhar*
*għaddejja l-pirċissjoni*
*ta' bniet u subien żgħar.*

*Bil-lasta ta' l-isqupa*
*Toni quddiem għaddej*
*flok is-salib u miegħu*
*għandu akkolti tnej';*

*Bħala ċensier Peppinu*
*Bott rabat minnufih*
*bi tliet spagiet u qabbad*
*ċarruta ġewwa fih;*

*Fuq nofs tavla miżbugħa*
*tnejn oħra jġorru l-vara,*
*kulħadd biex jerfa' naqra*
*jiġġieled u jissara;*

*Mikiel taparsi kappa*
*libes il-fardal t'ommu,*
*u qagħad sieket u serju*
*bil-kemm ibexxaq fommu;*

*Ruxxmata tfal madwarhom*
*flok xema' bil-għudiet*
*oħrajn idoqqu l-landi*
*u jgħajtu x'erba' għajtiet.*

*Għad jiġi żmien li ċ-ċorma*
*issir nisa w irġiel,*
*u jekk tal-pirċissjoni*
*jiġi ġo moħħom ħjiel,*

*jittendu kemm ferħana*
*imxew illum flimkien,*
*u forsi lkoll jixxenqu*
*li jerġa' dan iż-żmien.*

A. Buttigieg